# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 2 ta' April 2017

Il-V Ħadd tar-Randan

Sena A

**Introduzzjoni**

Wasalna fil-Ħames Ħadd tar-Randan u l-liturġija tal-lum tkompli tistedinna sabiex nirrikorru dejjem għand il-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Eżek 37, 12-14)

Il-profeta Eżekjel jurina li Alla jerġa' jagħtina l-ħajja mill-ġdid.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 129)

Għand il-Mulej hemm it-tjieba.

**It-Tieni Qari** (Rum 9, 8-11)

San Pawl jaċċertana li l-Ispirtu tal-Mulej jgħammar fina dejjem.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 11, 1-45)

Il-qawmien mill-mewt ta' Lażżru turina li Alla għandu s-setgħa fuq il-ħajja tal-bnedmin. Ġesù jurina biċ-ċar li hu l-qawmien u l-ħajja.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**

Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dak li hu jagħtina kontinwament, b'mod speċjali l-imħabba kbira li HU għandu għalina.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-Mulej hu l-għajn ta' kull tjieba. Ejjew f'dan il-mument nersqu biex induqu minn dan il-ħobż li jagħti l-ħajja.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.